MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2007/2001/1

**Theresa Zammit.**

**-vs-**

**John Cassar, Pawlu u Doreen konjugi Schembri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta’ Gunju 2001 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici hija proprjetarja tal-fond numru sebgha u disghin (97), Tarxien Road, Paola.

Illi fit-30 ta’ Settembru, 1996, il-konvenuti kienu xtraw u akkwistaw indivizament u solidalment bejniethom il-fond numru hamsa u disghin (95), Tarxien Road, Paola.

Illi dawn iz-zewg fondi huma biswit xulxin u fil-fatt ghandhom partijiet mill-hajt taghhom komuni.

Illi xi zmien wara li inxtara l-fond numru 97, Tarxien Road, Paola mill-konvenuti, huma kienu ghamlu xi alterazzjonijiet strutturali fih u cioe’ li fejn qabel kien hemm kamra imsaqqfa, illum il-gurnata din giet bitha interna.

Illi din il-kamra li twaqghet u saret bitha interna kienet originarjament kamra tas-sodda maghluqa, jigifieri b’saqaf.

Illi ma’ gemb din il-bitha interna, hemm kamra tas-sodda appertenenti lill-attrici, liema hajt tal-kamra tas-sodda gie espost ghal elementi kollha tan-natura.

Illi l-attrici qed issofri danni ingenti minhabba dan it-tibdil fl-istruttura u dan anke kif jindika r-rapport tal-perit Joseph Mangion hawn anness u immarkat bhala Dok. A.

Illi oltre dan, il-hajt li hemm jifred il-bitha interna mill-kamra tas-sodda ta’ l-attrici ma huwiex konformi mar-regolamenti u ligijiet inter alia tal-ippjanar u dan kif jista’ jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi skond ma jirrizulta mill-anness certifikat peritali, l-kamra tas-sodda tal-attrici qeghda tbati minn umdita’ kbira oltre li qed tassorbi kwantitajiet kbar ta’ ilma u b’hekk l-istess attrici qed issofri d-danni u dan kif jista’ jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni, huma baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi bl-agir tal-konvenuti jew min minnhom, l-attrici soffriet d-danni.

2. Tillikwida l-ammont ta’ danni hekk sofferti anke permezz ta’ l-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu l-ammont ta’ danni hekk likwidati.

4. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom jtellghu hajt u/jew jaghmlu a spejjez taghhom jew minn minnhom u skond ma titlob is-sengha x-xoghlijiet riparatorji mehtiega fl-imsemmi hajt fi zmien qasir u perentorju, u dan dabiex jaghmlu tajjeb ghal hsarat ikkawzati mill-istess konvenuti jew minn minnhom.

5. Fin-nuqqas ta’ dan tawtorizza lill-attrici li taghmel ix-xogholijiet kollha necessarji a spejjez esklussivi tal-konvenuti jew minn minnhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma ilkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci.

Semghet lill-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjes wara li xehdet l-attrici; din qalet illi l-ilment taghha gie irrangat wara illi giet intavolata l-kawza.

Billi ghalhekk it-talba tal-attrici m'hijiex kontradetta.

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talba tal-atturi kif ridotta.**

**Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu tat-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjes tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------